MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 240/1997/1

**Angelo Attard u b'digriet tal-4 ta' Gunju 1999 qed jizdiedu l-kliem "u Maria Carmela sive Marlene Attard"**

**Vs**

**Anthony Attard u b'digriet tal-4 ta' Gunju 1999 qed jizdiedu l-kliem " u Margerita Attard"**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira u hamsin centezmu (Lm262.50) rapprezentanti arretrati ta' imghax fuq somma ta' Lm3500 li l-attur silef lill-konvenut; dan a tenur ta' skrittura privata li kopja taghha qeghda tigi esebita bhala Dok A.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta'l-ittra bonarja tat-18 ta' Dicembru 1996 u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 1997.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-imsemmi Dok A a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut a fol 8 tal-atti u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. In linea preliminari, in-nullita' tal-avviz, ghax ma gietx prezentata minn mart l-attur ukoll u ghax ma gietx citata bhala konvenuta ukoll mart l-eccipjent, u dana stante li skond l-art. 1322 (2) (3) (f) tal-Kap. 16, is-self ta' flus jew it-tehid ta' flus b'self, huwa att ta' amministratur straordinarja, u d-dritt u li wiehed ifittex jew li jigi imfittex dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja hu vestit fiz-zewg konjugi flimkien.
2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, jekk l-ewwel eccezzjoni tigi michuda, mart l-eccipjent ghandha tigi citata fil-kawza. Martu hija Maria Carmela sive Marlene Attard, li toqghod Marton, Triq Halib it-Tajr, Santa Lucia.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessibbli skond il-ligi.

Rat ir-rikors u digriet moghti fl-4 ta' Gunju 1999 (fol 15 u fol 16 ibid).

Rat dak verbalizzat a fol 29 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 31 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament jezisti n-nullita' tal-avviz stante li l-mara tal-attur mhix citata fl-avviz kif titlob il-ligi;
2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma jezisti l-ebda obbligu u/jew rabta kif pretiza fl-avviz.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 42 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. In linea preliminari id-dezerzjoni tal-kawza ai termini tal-art. 963 et seq tal-kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta billi bejn id-data ta’ dan l-avviz li gie originarjament prezentat fit-13 ta’ Frar 1997 li umbaghad gie sussegwentement korrett b’digriet ta’ din l-Onroabbli Qorti tal-4 ta’Gunju, 1999 u n-notifika tal-avviz kif hekk korrett lill-eccipjent ghaddew aktar mis-sitt xhur biex jinghalqu l-procedura bil-miktub kif preskritt mill-ligi.
2. Subordinatament ukoll in linea preliminari, in-nullita’ tal-azzjoni odjerna ghax trattandosi ta imghax fuq self din suppost li giet ezercitata “ab inizio” flimkien ma mart l-attur u ukoll kontra mart l-konvenut a tenur tal-art. 1322 (2) tal-Kap. 16 billi l-jedd li wiehed iharrek jew jigi imharrek dwar atti ta’ amministrazzjoni straordinarja, imissu lil mizzewgin flimkien u dan ma sarx f’dan il-kaz. Dan ma seta’ qatt jigi sanat bil-korrezzjonijiet awtorizzat bid-Digrieti tal-4 ta’ Gunju, 1999, ghax b’hekk zdiedu partijiet godda fil-kawza b’mod li giet effettwata s-sustanza tat-talba u tal-eccezzjonijet tal-konvenut.
3. Subordinatament ukoll, il-preskrizzjoni ta’ hames snin a tenur tal-art. 2156(d) tal-Kodici Civili, Kap. 16, billi l-iskrittura ta’ self li fuqha hi bazata l-azzjoni tirrisali ghad-19 ta’Novembru, 1994.
4. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjonjiet precedenti, in-nullita’ tas-self allegat billi dan ma sarx bl-intervent u partecipazzjoni taz-zewg konjugi kemm minn naha tal-attur kif ukoll min-naha tal-konvenut, kif jesigi l-art. 1322 (2) u (3) (f) tal-Kap. 16, stante li tali self kien jikkostitwixxi att ta’ amministrazzjoni straodinarja li suppost gie ezercitat miz-zewg konjugi flimkien fuq iz-zewg nahat.
5. Illi subordinatament l-ammont mitlub fl-avviz f’kull kaz mhux dovut.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fl-17 ta’ Novembru 2003 (fol 54 et) u li biha giet deciza u michuda l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut fit-tieni nota tal-eccezzjonijiet tieghu.

Rat dak verbalizzat a fol 53 u 66 ibid kif ukoll iz-zewg kopji legali ta’ sentenzi moghtija mill-Qorti Civili – Sezzjoni Familja fit-30 ta’ Novembru 2004 f’zewg kawzi bejn il-konvenuti odjerni (kif 68 u fol 146 et seq ibid).

Rat dak verbalizzat a fol 118 tal-atti.

Rat ir-rikors presentat mill-konvenut fis-26 ta’ April 2005 (fol 120 ibid) u li fih qed jigi allegat mill-istess konvenut illi l-meritu ta’ din il-kawza gie esawrit stante li diga hemm decizjoni dwar il-hlas ta’ imghaxijiet fuq is-self imsemmi fl-avviz.

Rat id-digriet Taghha preliminari kif ukoll il-kopja legali tad-decizjoni msemmija cjoe sentenza mghotija, fl-istess ismijiet tal-kawza odjerna fl-1 ta’ Dicembru 2004 (fol 134 et seq ibid).

Rat ir-risposta tal-atturi (fol 197 ibid) u li biha esponew bir-rispett u l-attur ikkonferma bil-gurament:-

Illi permezz ta’ skrittura privata datata 29 ta’ Novembru 1994 (esebita mal-avviz bhala Dok A) l-attur Angelo Attard u l-konvenut Anthony Attard.

(a) qablu li l-konvenut huwa debitur ta’ l-attur fis-somma ta’ Lm3500 rappresentanti somma ekwivalenti gja mislufa lilu;
(b) qablu li fuq din is-somma jiddekorri imghax bir-rata ta’ 5% b’effett mid-29 ta’ Novembru 1994; u
(c) qablu li din is-somma tigi rifuza appena jkun jista d-debitur.

Illi minhabba l-klawsola li permezz taghha l-attur u l-konvenut qablu li s-somma tigi rifuza appena jkun jista d-debitur u billi bejn il-partijiet gie miftiehem ukoll illi ghandu jiddekorri l-imghax, l-atturi ma setghux ifittxu ghar-restituzzjoni tal-kapital qabel ma jghaddu sitt snin u dan minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 1078 tal-Kodici Civili:

“…. Jekk iz-zmien ghall-ezekuzzjoni ta’ l-obbigazzjoni jkun gie mholli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun gie miftiehem

illi d-debitur ghandu jezegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista, jew meta hu jkollu l-mezzi biex jezegwiha, ghandhom jitharsu r-regoli li gejjin:

(a) jekk l-obbligazzjoni ghandha bhala oggett taghha hlas ta' somma ta' flus, dik ghandha tigi ezegwita fi zmien sentejn jekk is-somma ghandha tinghata minghajr imghax jew fi zmien sitt snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax.

Illi ghalhekk l-atturi setghu biss jagixxu kontra l-konvenuti ghall-kapital wara sitt snin mid-data ta' l-iskrittura privata fuq imsemmija cioe' sitt snin mid-29 ta' Novembru 1994.

Illi stante illi l-konvenut lanqas biss ma beda jhallas l-imghax l-atturi pprocedew kontra tieghu b'din il-kawza ghall-imghax li kien skada bejn id-29 ta' Novembru 1994 u t-28 ta' Gunju 1996 u cioe' sena u nofs: Lm3500 X 5% X 1.5 (sena u nofs) = Lm262.50.

Illi permezz ta' avviz li jgib in-numru 795/01DM l-atturi pprocedew kontra l-konvenuti ghas-somma ta' Lm3500 u l-imghax fuq din is-somma mid-29 ta' Gunju 1996.

Illi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta deciza fl-1 ta' Dicembru 2004 it-talba ta' l-atturi giet milqugha u l-konvenuti gew ikkundannati jhallsuhom l-imsemmija somma ta' Lm3500 oltre l-imghax mid-29 ta' Gunju 1996.

Illi ghalhekk is-somma ta' Lm262.50 li l-atturi qeghdin jitlobu f'din il-kawza in linea ta' imghax bejn id-29 ta' Novembru 1994 u t-28 ta'Gunju 1996 mihijiex koperta bl-imsemmija sentenza ta' l-1 ta' Dicembru 2004.

Isegwi ghalhekk illi mertu tal-kawza odjerna mhuwiex ezawrit u ghalhekk it-talba ta' Anthony Attard kontenuta fir-rikors tieghu ta' l-14 ta' April, 2005 ghandha tigi respinta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar it-talba kif dedotta mir-rikors in esami kif opposta, gew konsiderati is-segwenti fatti:-

a) Permezz tal-avviz in esami l-atturi qed jitlobu l-hlas ta‘ imghax, bhala arretrati skaduti, bjen id-29 ta’ Novembru 1994 u t-28 ta’ Gunju 1996 ammontanti ghas-somma ta’ Lm262.50 (ara fol 198 ibid).
b) Skond l-iskrittura bid-data tad-29 ta’Novembru 1994 iffirmata bejn il-partijiet, Angelo u Anthony ahwa Attard dawn kienu qablu li l-istess Anthony Attard hu debitur ta’ Angelo Attard fis-somma ta’ Lm3500 li ghandha tigi mhallsa lura “appena jkun jista d-debitur”. Inoltre hemm miftiehem ukoll illi fuq l-istess somma ghandu jiddekorri imghax bil-5% “b’effett millum” cjoe mid-29 ta’ Novembru 1994 (ara fol 2 ibid).
c) Meta gie intavolat l-avviz numru 795/01 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif diversament presjeduta, fl-1 ta’ Dicembru 2004 kien gie mitlub il-hlas tal-kapital misluf skond l-imsemmija skrittura kif ukoll l-imghax legali mid-29 ta’ Gunju 1996 u mhux, ghal xi raguni injota, mid-data tal-istess skrittura.
d) Permezz ta’dan l-avviz, kif di gja inghad qed jintalab l-imghax, fuq l-istess kapital, bejn id-data tal-istess skrittura cioe mid-29 ta’ Novembru 1994 sat-28 ta’ Gunju 1996, perjodu li ma kienx kopert skond kif mitlub fl-avviz numru 795/01. Ghalhekk ma jistax jinghad illi l-meritu tal-kawza odjerna gie esawrit di gja u ghandu jigi konsiderat bhal “res judicata”.

Ghaldaqstant tichad it-talba tal-konvenut in esami u tordna li dan il-kaz jitkompla skond il-verbal a fol 53 u fol 119.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------